MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2012

Numru 774/2012

Il-Pulizija
(Spettur Edel Mary Camilleri)

vs

Buli Bakar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur bil-permess ta’ soggorn Taljan AS 9160877, akkuzat talli fit-28 ta’ Lulju 2012 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer:

1. ta jew ghala li jinghata xi prospett falz jew dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta’ fatti foloz lil Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 32(1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. taht l-istess cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat,

u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 183, 184 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Fuq ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikolu 32(1c) tal-Kap 217; l-Artikolu 183, 184, 189, 17(h) tal-Kap 9.

Tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghall-sentejn mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9.

Tordna l-konfika tad-dokumenti esebiti.

Il-Qorti spegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------